

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 20.10.2010  
KUMM(2010) 598 finali

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 10  
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2010**

**DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA  
Taqsimha III – Il-Kummissjoni**

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 10**  
**GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2010**

**DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA**  
**Taqsimha III – Il-Kummissjoni**

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 106a tiegħu,
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 adottat fis-17 ta' Diċembru 2009<sup>2</sup>,
- il-baġit emendatorju 1/2010 adottat fid-19 ta' Mejju 2010<sup>3</sup>,
- il-baġit emendatorju 2/2010 adottat fis-16 ta' Mejju 2010<sup>4</sup>,
- il-baġit emendatorju 3/2010 (parti mill-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2010<sup>5</sup>) adottat fis-7 ta' Settembru 2010,
- il-baġit emendatorju 4/2010 (l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2010<sup>6</sup>) adottat fil-21 ta' Settembru 2010,
- il-baġit emendatorju 5/2010 (l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7/2010<sup>7</sup>) adottat fit-22 ta' Settembru 2010,
- abbozzi tal-baġits emendatorji Nru 2/2010<sup>8</sup>, 3/2010<sup>9</sup>, 6/2010<sup>10</sup>, 8/2010<sup>11</sup> u 9/2010<sup>12</sup>.

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk tippreżenta lill-awtorità tal-baġit l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 10 għall-baġit tal-2010.

---

<sup>1</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p.1.

<sup>2</sup> ĠU L 64, 12.3.2010.

<sup>3</sup> ĠU L 183, 16.7.2010.

<sup>4</sup> ĠU L 206, 6.8.2010.

<sup>5</sup> COM(2010) 108

<sup>6</sup> COM(2010) 320

<sup>7</sup> COM(2010) 383

<sup>8</sup> COM(2010) 108

<sup>9</sup> COM(2010) 149

<sup>10</sup> COM(2010) 315

<sup>11</sup> COM(2010) 533

<sup>12</sup> COM (2010) xxx

## WERREJ

1.	Daħla .....	4
2.	Żieda fil-Previżjoni tad-Dħul .....	4
2.1.	Reviżjoni tar-riżorsi proprji.....	4
2.2.	Dħul ieħor.....	5
3.	Tnaqqis fl-Approprijazzjonijiet għall-Ħlasijiet.....	5
3.1.	Intestatura 1a Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi .....	5
3.2.	Intestatura 1b Koeżjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi.....	6
3.3.	Intestatura 2 Preservazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali.....	6
3.4.	Intestatura 4 L-UE bħala Attur Globali.....	7
4.	Modifiki għal interstatura 1a.....	10
4.1.	Il-ħolqien ta' linja baġitarja ġdida .....	10
4.2.	Tnaqqis fl-approprijazzjonijiet ta' impenn .....	10
5.	Preservazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali .....	11
5.1.	Tnaqqis fl-estimi għall-ispiża agrikola.....	11
5.2.	Riżerva għal Ftehimiet dwar is-Sajd .....	12
5.3.	Programm ta' Azzjoni tal-UE għat-Tibdil fil-Klima .....	12
6.	Skejjel Ewropej tat-Tip 2 .....	12
6.1	Daħla .....	12
6.2	Avvenimenti importanti fil-proċess ta' riforma.....	13
6.3	Il-kontribuzzjoni u t-talba tal-UE għall-2010 .....	14
6.4	L-Oriġini tal-Approprijazzjonijiet.....	14
7.	Tabella sommarja skont l-intestatura tal-Qafas Finanzjarju .....	16

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq taqsima b'taqsima huma disponibbli fil-EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>). Verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'dawn id-dikjarazzjonijiet skont it-taqsima hija meħmuża għall-informazzjoni bħala anness tal-baġit.

## 1. DAĦLA

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 10 għas-sena 2010 jkopri l-elementi li ġejjin:

- żieda netta fil-previżjoni tad-dħul (EUR 466 miljun) wara r-reviżjoni tal-previżjonijiet tar-riżorsi proprji u dħul ieħor;
- tnaqqis ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet fil-linji tal-baġit għall-intestaturi 1a, 1b, 2 u 4 (EUR 755,6 miljun), wara li ttejed kont tar-riallokazzjonijiet proposti f'dawk li huwa msejjaħ kumpens rigward it-"Trasferiment Globali" matul il-linji tal-baġit b'kunsiderazzjoni għall-progress s'issa fl-implimentazzjoni tal-baġit;
- il-ħolqien ta' partita tal-baġit 06 04 14 04 għall-finanzjament ta' proġetti foqasma ta' effiċjenza fl-enerġija u enerġija minn sorsi rinnovabbli taħt il-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku;
- tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 15-il miljun għal ċerti miżuri taħt l-intestatura 1a;
- tnaqqis mill-appropriazzjonijiet ta' impenn u għall-ħlasijiet ta' EUR 330 miljun taħt l-intestatura 2 tal-Artikolu tal-baġit 05 02 12 Refużjonijiet fuq prodotti non-Anness 1 u fuq l-Artikolu baġitarju 05 02 12 Ħalib u prodotti tal-ħalib, u tnaqqis addizzjonali ta' EUR 28 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 5 miljun f'approprjazzjonijiet mir-riżerva;
- il-ħolqien ta' partita tal-baġit 26 01 51 31 kontribuzzjoni tal-UE għall-hekk imsejja Skejjel Ewropej "Tip 2". L-ammont ta' EUR 4,83 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u għall-ħlasijiet meħtieġa għall-2010 se jkunu disponibbli minn riallokazzjoni fi ħdan il-qasam tal-politika 26 amministrazzjoni tal-Kummissjoni.

L-impatt ġenerali fuq l-ispiża huwa tnaqqis ta' EUR 373 miljun f'impenni u EUR 1 090,6 miljun fi ħlasijiet.

## 2. ŻIEDA FIL-PREVIŻJONI TAD-DĦUL

### 2.1. Reviżjoni tar-riżorsi proprji

F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000<sup>13</sup>, il-Kummissjoni rrevediet il-previżjonijiet dwar ir-riżorsi proprji. Dan jirreferi b'mod partikolari għall-bilanċi tal-VAT (tassa miżjuda fuq il-valur) u tad-DGN (dħul gross nazzjonali) u għar-riżorsi proprji tradizzjonali.

F'dak li jikkonċerna l-bilanċi tar-riżorsi proprji tal-VAT u d-DGN, u abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tipproponi li jiddaħħal l-ammont ta' EUR 627,9 miljun. Dan it-tnaqqis jikkonċerna l-kapitoli 31<sup>14</sup> u 32<sup>15</sup> fuq in-naħa tad-dħul tal-baġit.

---

<sup>13</sup> *ĠUL 130, 31.5.2000, p. 1.*

<sup>14</sup> Bilanċi u aġġustament ta' bilanċi ibbażati fuq il-VAT għas-snin finanzjarji preċedenti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 10(4), (5) u (8) tar-Regolament (KE, EURATOM) Nru 1150/2000.

F'dan l-istadju l-kalkoli tal-bilanċi tal-Istati Membri għadhom temporanji minħabba fil-verifika kontinwa tad-dejta tal-VAT u d-DGN. Dan jista' jwassal lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi ċ-ċifri matul il-proċedura li tirrigwarda dan l-ABE.

Il-Kummissjoni tippromponi wkoll li tnaqqas ir-Riżorsi Propriji Tradizzjonali (RPT) b'EUR 100 miljun fil-kapitolu 12<sup>16</sup> tad-dħul. Jekk id-dejta kurrenti l-ġdida tal-aħħar tliet xhur tas-sena timplika tibdil sinifikanti għal din l-istima, il-Kummissjoni se tirrevedi ċ-ċifri tagħha wkoll matul il-proċedura tal-baġit.

## 2.2. Dħul ieħor

Filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ammonti li jiġu msarrfa jew x'aktarx jissarrfu f'dan l-istadju tas-sena, huwa propost li jiżdedu l-previżjonijiet inizjali għal ammont nett ta' EUR 1 194 miljun. Id-dettalji linja b'linja jinsabu fit-tabella hawn taħt.

Linji ta' dħul	Baġit 2010	ABE 10/2010	Ammont ġdid
6 6 0 1 - Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra mhux assenjati	30 000 000	30 000 000	60 000 000
7 0 0 0 - Interessi dovuti fuq ħlasijiet tard fil-kontijiet miżmuma mat-teżori tal-Istati Membri	5 000 000	8 000 000	13 000 000
7 0 1 – Interess fuq ħlasijiet tard u interessi oħra fuq multi	15 000 000	161 000 000	176 000 000
7 1 0 - Multi, ħlasijiet perjodiċi ta' penali u penali oħra	100 000 000	995 000 000	1 095 000 000
<b>Total</b>	<b>150 000 000</b>	<b>1 194 000 000</b>	<b>1 344 000 000</b>

## 3. TNAQQIS FL-APPROPRJAZZJONIJET GĦALL-ĦLASIJET

Il-Kummissjoni tippromponi li jkun aġġustat il-livell ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet rigward ċerti linji tal-baġit sabiex jiġu allinjati aktar mill-qrib mal-aħħar estimi tal-bżonnijiet u fuq l-ipoteżi li l-ibbilanċjar mill-ġdid tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet bejn il-linji tal-baġit mitluba separatament mill-Kummissjoni f'dak l-hekk imsejjaħ "Trasferiment Globali" (DEC 53/2010) jkun aċċettat mill-Awtorità tal-Baġit. Dan it-tnaqqis propost fil-livell ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet jammonta għal EUR 755,6 miljun. It-tasqsimiet ta' hawn taħt jipprovdu l-ġustifikazzjonijiet għat-tnaqqis propost fil-livell tal-ħlasijiet għas-sbatax-il linja baġitarja ikkonċernati.

### 3.1. Intestatura 1a Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjegi

06 04 14 01 Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku Netwerks tal-enerġija (- EUR 34 miljun)

Għall-kuntrarju ta' dak li kien mistenni, xi benefiċjarji ma talbux għal ħlasijiet ta' qabel il-finanzjament minħabba li ċerti kundizzjonijiet ma ġewx issoddisfati, pereżempju garanziji tal-bank, permessi ambjentali jew deċiżjoni formali dwar l-investment. Il-ħtiġiet ta' qabel il-

<sup>15</sup> Bilanċi u aġġustament ta' bilanċi bbażati fuq id-dħul/il-prodott gross nazzjonali għas-snin finanzjarji preċedenti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 10(6) sa (8) tar-Regolament (KE, EURATOM) Nru 1150/2000.

<sup>16</sup> Dazji tad-dwana u dazji oħra msemmija fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE.

finanzjament huma għalhekk inqas milli mistenni. Dan id-dewmien kien diġà sinjalat fin-nota ta' informazzjoni tal-Avviż ta' Tbassir tal-Baġit f'Ġunju<sup>17</sup> u mhux se jkollha effett fuq l-implimentazzjoni ġenerali tal-Pjan ta' Rkupru.

### **3.2. Intestatura 1b Koeżjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi**

19 08 02 02 Kontribuzzjoni għall-Kooperazzjoni Transkonfinali (Cross-border Cooperation - CBC) mill-Intestatura 1b (- EUR 18,1 miljun)

Il-ħtiġiet ta' ħlasijiet inqas milli mistenni għall-programmi CBC tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) huma minħabba l-fatt li l-konklużjoni tas-sejħiet għall-proposti u l-iffirmar tal-kuntratti ta' għotja hađu ħafna iktar minn kemm previst. Min-naħa tiegħu dan kien ikkawżat min-natura kumplessa tal-programmi CB (il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi differenti, l-involviment tal-Kumitat Konġunt tal-Monitoraġġ fil-proċess tal-għażla, il-karattru politiku tal-programmi CBC) u l-karattru innovattiv tas-sejħiet għal proposti (il-proċeduri standard tal-Gwida Prattika għall-proċeduri kuntrattwali għall-azzjonijiet esterni tal-KE ġew adattati fil-parti l-kbira għall-ħtiġiet speċifiċi tal-pajjiżi li qed jipparteċipaw).

### **3.3. Intestatura 2 Preservazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali**

05 04 02 01 Tlestija tal-FAEG, it-Taqsima tal-Gwida – Reġjuni tal-Objettiv 1 (2000 sa 2006) (- EUR 345,4 miljun)

Rigward it-Taqsima tal-Gwida tal-FAEG, il-proposta tal-Abbozz ta' Baġit 2010 kienet ibbażata fuq l-ipotesi li l-għeluq tal-programmi kellu jibda fl-2009, u li l-ħlasijiet jilħqu sa 50% tal-impenji pendenti. Madanakollu, filwaqt li l-għeluq tal-programmi diġà beda fl-2010, l-Istati Membri ilhom jibagħtu d-dokumenti tal-għeluq biss mill-aħħar nett tal-iskadenza mwaqqfa fir-Regolament (il-31 ta' Marzu 2010 għal 40 programm u t-30 ta' Settembru 2010 għal 106 oħra li għandhom estensjoni ta' 6 xhur sad-data finali tal-eliġibbiltà). Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, il-ħtiġiet ta' pagament stmati għall-kumplement tas-sena ġew riveduti 'l isfel b'EUR 345,4 miljun għal Objettiv 1.

11 06 12 Fond Ewropew għas-Sajd (FES) – Għan ta' konverġenza (- EUR 85,7 miljun) u  
11 06 13 Fond Ewropew għas-Sajd (FES) – Għan estern ta' konverġenza (EUR 26,9 miljun)

L-approvazzjoni tas-Sisteni ta' Ġestjoni u kontroll għal programmi operattivi li jirrappreżentaw kważi 40% tal-FES għadha pendenti u ma jistgħux isiru pagamenti interim għal dawn il-programmi. Barra minn hekk, il-ħlasijiet interim jammontaw għal inqas minn dak previst għal xi programmi operattivi fejn l-implimentazzjoni fil-post waqgħet lura. Huwa previst ukoll li diversi pretensjonijiet ta' spejjeż se jaslu tard ħafna fl-aħħar tas-sena – tard wisq biex il-ħlas ikun ipproċessat fl-2010. Fl-aħħar, il-problemi bl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Assi 1 (għall-adattament tal-flotta tas-sajd tal-Komunità), l-aktar rigward it-tfassib dwar l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-FES dwar l-għajnuna pubblika mogħtija għal waqfien temporanju jew permanenti f'ċerti Stati Membri, wasslu biex il-ħlasijiet interim relatati ġew interrotti.

40 02 41 Riżerva għal Ftehimiet dwar is-Sajd (- EUR 13-il miljun)

---

<sup>17</sup> SEC(2010)767/2

Il-linja ta' riżerva 40 02 41 tinkludi approprjazzjonijiet għall-Ftehimiet ġodda dwar is-Sajd li għandhom mnejn ikunu konklużi ma' ċerti pajjiżi terzi. Madanakollu, ebda ftehim ġdid mhu se jidħol fis-seħħ qabel il-31 ta' Diċembru 2010. B'riżultat ta' dan, l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet disponibbli ta' EUR 13-il miljun mhumiex meħtieġa. Dan jimplika wkoll tnaqqis ta' EUR 13-il miljun f'impenji, li huwa mfakkar fit-taqsimha 5.2 hawn taħt.

### **3.4. Intestatura 4 L-UE bħala Attur Globali**

#### 04 06 01 Strument ta' Għajjnuna Għal Qabel l-Adeżjoni (Instrument for Pre-Accession Assistance - IPA) – Żvilupp tar-riżorsi umani (- EUR 19-il miljun)

Meta kien qed jitfassal il-baġit tal-2010, l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet imdaħħla fl-Artikolu baġitarju 04 06 01 ġew ikkalkulati sabiex tkun żgurata implimentazzjoni mingħajr intoppi tal-komponent IV tal-IPA (Programm Operattiv għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani) b'kunsiderazzjoni għall-fatt li l-proċess ta' konferiment ta' ġestjoni ħa ħafna iktar żmien minn dak previst fil-Pajjiżi Kandidati. Ittieħdet kunsiderazzjoni wkoll tar-regola N+3 (l-Artikolu 166 tar-Regolament Finanzjarju) li tista' twassal għall-possibbiltà ta' diżimpenn ta' fondi sa minn tmiem l-2010 għat-Turkija u mill-2011 għall-Kroazja u għal dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM).

Madanakollu, fil-każ tat-Turkija u tal-FYROM il-livell tan-nefqa involuta mill-benefiċjarji finali u mħallsa minnhom u ċertifikata mill-Uffiċjal Nazzjonali li Jawtorizza se tkun għadha ħafna inqas mill-previżjonijiet.

Fit-Turkija t-tnejn għall-akkreditament u l-konferiment ta' ġestjoni diċentralizzata mill-awtoritajiet Torok ħadu ħafna iktar żmien minn kemm ipprevedew inizjalment l-awtoritajiet Torok. Bħala konsegwenza, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-konferiment ta' ġestjoni diċentralizzata kienet adottata biss f'Awwissu 2009 u l-Ftehim ta' Finanzjament rigward il-programm operattiv għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani għat-Turkija kien konkluż biss f'Settembru 2009. Bħala konsegwenza, it-tnejn ta' sejħiet għall-proposti ddewwmet bl-istess effett fuq il-pagamenti.

Għall-FYROM ir-raġunijiet huma tal-istess natura. L-istat ta' tnejn tal-operazzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati taħt il-programm operattiv għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani għadu mhux suffiċjenti minħabba nuqqas ta' kapaċità amministrattiva. Minkejja li sar progress biex tinbena l-kapaċità amministrattiva fl-ewwel tliet xhur tal-2010, għadha mhix biżżejjed biex tagħmel tajjeb għaż-żmien mitluf u għan-nuqqas ta' konsum tar-riżorsi disponibbli.

#### 05 05 01 01 L-istrument ta' qabel l-adeżjoni SAPARD – It-tlestija tal-programm (2000 - 2006) (- EUR 78 miljun)

F'Diċembru 2009 l-applikazzjonijiet ġew ippreżentati għall-bilanċ finali tat-tliet programmi SAPARD (il-Kroazja, ir-Rumanija u l-Bulgarija). Il-proċedimenti tal-għeluq li għaddejjin bħalissa wrew li ma jrid isir ebda ħlas ġdid, u li l-għeluq se jirriżulta f'irkupri li probabbilment se jitħallsu fl-2011. Bħala riżultat, l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet ta' EUR 78 miljun li daħlu fil-baġit tal-2010 mhux se jiġu implimentati.

Is-sitwazzjoni hija spjegata mill-fatt li l-ħtiġiet għall-ħlas għall-2010 ġew ikkalkulati fuq il-bażi ta' impenji baġitarji pendenti fiż-żmien meta l-baġit kien qed jitħejja kmieni fl-2009. Madanakollu, l-interruzzjoni tal-ħlasijiet minn Ġunju 2008 sa Settembru 2009, u ż-żieda fil-kontrolli li segwew l-implimentazzjoni tal-pjani ta' azzjoni minn żewġ pajjiżi benefiċjarji (ir-Rumanija u l-Bulgarija) irriżultaw f'ammont ikkuntrattat totali ħafna inqas mill-impenji



baġitarji. Iż-żieda fil-kontrolli wasslet ukoll għal volum ta' ħlasijiet inqas mill-ammont ta' pretensjonijiet ippreżentati mill-benefiċjarji.

07 02 04 Azzjoni ta' tħejjija - Monitoraġġ ambjentali tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed u programm ta' qafas komuni Ewropew għall-iżvilupp tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed (- EUR 1,7 miljun)

Din l-azzjoni preparatorja kienet ivvutata taħt il-baġit tal-2010, u l-Kummissjoni indikat li l-appropriazzjonijiet ivvutati ma kienx se ikun hemm hteieġa għalihom fl-intier tagħhom sabiex jintlaħaq l-għan tal-azzjoni. B'konsiderazzjoni tal-hteieġa li wieħed ikompli jibni fuq proġetti eżistenti u r-riżultati tal-proġett pilota preċedenti, biex jiġi evitat xogħol doppju ma' attivitajiet li għaddejjin jew ippjanati u biex tikkunsidra l-kapaċità ta' assorbiment ta' organizzazzjonijiet possibbilment implimentattivi fir-reġjun, il-Kummissjoni tistma li l-attivitajiet possibbli għall-2010 ma jirrikjedux riżorsi finanzjarji li jaqsbu l-EUR 500 000 miljun.

Id-deċiżjoni ta' finanzjament adottata mill-Kummissjoni (Deċiżjoni C (2010)5759 tal-25/08/2010) tipprevedi l-implimentazzjoni tal-azzjoni ta' tħejjija permezz ta' għotjiet lill-Kummissjoni tal-Baħar l-Iswed u l-OECD. Hu mistenni li ftehimiet dwar għotjiet jiġu ffirmati f'Novembru 2010 u ħlasijiet ta' qabel il-finanzjament għal massimu ta' EUR 300 000 se jsiru f'Diċembru 2010. Għaldaqstant, l-ammont li jifdal mill-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (EUR 1,7 miljun) mhuwiex meħtieġ.

13 05 01 01 Strument għall-politiki strutturali għal qabel l-adeżjoni (ISPA) Tlestija ta' proġetti oħra preċedenti (2000 sa 2006) (- EUR 3,7 miljun)

Il-linja baġitarja tkopri t-tlestija tal-assistenza ISPA għal qabel l-adeżjoni għall-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja. Fil-każi tal-Bulgarija u r-Rumanija, l-ISPA hija ġestita taħt amministrazzjoni konġunta bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż li jirċievi, taħt ir-regolament tal-Fond ta' Koeżjoni. B'talba tal-Bulgarija u r-Rumanija, il-Kummissjoni tista' testendi l-perjodu ta' eliġibbiltà għall-proġetti (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni SEC(2010)405 iddatata 19 ta' April 2010 dwar il-linji gwida għall-għeluq tal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni u l-ISPA). Għaldaqstant, il-pretensjonijiet għall-ħlasijiet li kienu mistennija fl-2010 meta kien qed jifassal il-baġit mhux se jintalbu u se jiġu posposti (minħabba li l-estensjonijiet għall-eliġibbiltà kienu tteħdu fuq il-bażi ta' proġett proġett, it-tmiem tal-eliġibbiltà issa jista' jkun sa Diċembru 2012). Barra minn hekk, diversi proġetti kellhom dewmien fl-implimentazzjoni tagħhom l-aktar minħabba kwistjonijiet ta' appalti pubbliċi. Wara li saret konsultazzjoni mal-Istati Membri, il-previżjoni tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-2010 tnaqqset b'EUR 7,7 miljun, li parti minnhom (EUR 4 miljun) ġiet proposta biex tintuża fit-Trasferiment Globali, filwaqt li l-ammont li jifdal (EUR 3,7 miljun) huwa inkluż f'dan il-baġit emendatorju.

19 09 02 Azzjoni preparatorja – Kooperazzjoni ma' pajjiżi bi dħul medju fl-Amerika Latina (- EUR 1,9 miljun)

Il-previżjonijiet tal-pagamenti taħt din il-linja baġitarja jirrigwardaw erba' Ftehimiet Finanzjarji li għaddejjin, l-Urugwaj (u miegħu l-proġett MERCOSUR), il-Kolombja u n-Nikaragwa (il-proġett tal-Panama). L-ammont sħiħ ta' EUR 3,5 miljun għall-azzjoni kien diġà kkuntrattat fis-snin ta' qabel, u huwa previst li minnu jitħallsu EUR 1,1 miljun qabel l-aħħar ta' din is-sena. L-ammont li jifdal ta' EUR 1,9 miljun għaldaqstant m'huwiex meħtieġ fl-2010.

19 10 01 03 Azzjoni preparatorja – Skambji ta' negozju u xjentifiċi mal-Indja (- EUR 2,5 miljun)

It-twaħħid tan-natura tal-azzjoni u d-diffikultajiet tal-bidu fl-implimentazzjoni tat-tliet kuntratti relatati mat-Twaqqif ta' Ċentri Ewropej tan-Negozju u t-Teknoloġija (EBTC) fl-Indja wassal għal tnaqqis fil-ħtieġa għal ħlasijiet. Huma biss żewġ ħlasijiet ulterjuri, għall-ammont totali ta' EUR 1,6 miljun, li se jitħallsu fl-2010.

20 02 01 Relazzjonijiet kummerċjali esterni, inkluż l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE (- EUR 2 miljun)

Din il-linja tkopri inizjattivi relatati man-negozjati kummerċjali multilaterali ġodda u l-politika kummerċjali esterna tal-UE, assistenza fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali eżistenti, attivitajiet li jikkonċernaw l-istrateġija dwar l-aċċess għas-suq tal-UE, il-promozzjoni ta' kummerċ u ġestjoni ġusta tal-SIGL ("Système intégré de Gestion de Licences"). Uħud mis-sejħiet miftuħa għall-offerti bħalissa qed jiġu konklużi (rigward il-funzjonament u l-evalwazzjoni tad-Database dwar l-Aċċess għas-Suq (Market Access Database), l-evalwazzjoni ta' miżuri għat-TDI (Strument għad-Difiża tal-Kummerċ – Trade Defence Instrument), u l-evalwazzjoni ex-post tal-kapitlu kummerċjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ċili); dawn mistennija jiġu ffirmati fl-aħħar tal-2010. B'riżultat ta' dan, ir-riżultati tanġibbli li joħorġu minn dawn il-kuntratti, kif ukoll il-ħlasijiet korrispondenti, huma previsti biss fl-2011.

21 04 01 L-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluża l-enerġija (- EUR 14-il miljun)

L-implimentazzjoni tar-rata tal-Effiċjenza tal-Enerġija Globali u l-Fond tal-Enerġija rinnovabbli (GEEREF) hija iktar kajmana milli mistenni. Dan jista' jiġi attribwit l-aktar għall-kriżi finanzjara dinjija li għandha effett fuq il-fondi ta' investiment inġenerali. Għaldaqstant, il-ħlas tas-segment tal-kontribuzzjoni għall-2010 mill-baġit tal-UE lill-GEEREF irid jiġi pospost għall-2011.

21 05 01 07 Azzjoni ta' tħejjija – Riċerka u żvilupp dwar mard relatat mal-faqar, mard tropikali u mard li ġie ttraskurat (- EUR 1,5 miljun)

Wara reviżjoni tal-previżjoni inizjali li saret f'Diċembru 2009. L-identifikazzjoni ta' azzjoni ġdida fid-dominju tar-Riċerka u l-Iżvilupp kienet teħtieġ il-kompetenza xierqa u diskussjonijiet tekniċi mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, kif ukoll ir-reviżjoni tal-abbozzi tal-proposti. Minħabba li dan il-proċess jieħu ħafna żmien, l-impenn il-ġdid huwa mistenni tard fis-sena, bil-ħlas ta' qabel il-finanzjament korrispondenti previst fl-2011.

22 02 01 Għajnuna għat-tranżizzjoni u għall-bini ta' istituzzjonijiet lill-pajjiżi kandidati (- EUR 54,6 miljun)

Meta saru l-previżjonijiet tal-ħlas għat-Turkija fl-Abbozz ta' Baġit 2010, ċerti diffikultajiet ma kinux previsti, jiġifieri l-ħtieġa għal bidliet fid-disinn tekniku ta' ċerti proġetti sottomessi, iż-żmien żejjed meħtieġ għat-tħejjija tad-dokument ta' offerta għal għadd ta' proġetti, kif ukoll il-limitazzjonijiet fil-kapaċità tal-istrutturi amministrattivi (nuqqas ta' riżorsi umani dedikati), u tagħbija ta' xogħol mhux prevista għall-Aġenzija ta' Implimentazzjoni Torqa għall-komponent I (Għajnuna għat-Tranżizzjoni u Bini ta' Istituzzjonijiet)

22 02 01 Għajnuna għat-tranżizzjoni u għall-bini ta' istituzzjonijiet lill-pajjiżi kandidati (- EUR 53,5 miljun)

Xi proġetti taħt il-programmi nazzjonali rigward l-Istrument ta' Għajnuna għal Qabel l-Adeżjoni iddewmu u kienu jeħtieġu estensjonijiet minħabba kumplessità mhux prevista u tibdil fid-disinn tekniku. L-ikkuntrattar u l-implimentazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali imxew b'pass iktar bil-mod minn dak previst fil-bidu u għaldaqstant il-progress fil-ħlasijiet kuntrattwali kien imxekkel.

L-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Finanzjament IPA 2008 u 2009 ukoll iddewmu bi ftit xhur f'ċerti pajjiżi minħabba t-tul ta' uħud mill-proċeduri nazzjonali speċifiċi. Dan ikkaġuna reazzjoni katina u mexxa 'l quddiem l-operazzjonijiet tal-ikkuntrattar/ħlasijiet li kienu ppjanati. Problemi politiċi u nuqqas ta' tlestija wkoll ikkawżaw posponiment qawwi ta' proġetti mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali.

#### **4. MODIFIKI GĦAL INTERSTATURA 1A**

##### **4.1. Il-ħolqien ta' linja baġitarja ġdida**

F'Mejju 2010, il-Kummissjoni pproponiet emenda għar-Regolament (KE) 663/2009 biex tuża l-fondi mhux impenjati taħt il-Kapitolu II tar-Regolament EERP għall-ħolqien ta' strument finanzjarju ddedikat għas-sostenn tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-inizjattivi rinnovabbli.

Il-faċilità finanzjarja għandha tappoġġa l-iżvilupp ta' proġetti ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli li jkunu aċċettati mill-banek u għandha tiffaċilita l-finanzjament ta' investimenti f'dan il-qasam, b'mod partikolari f'kuntest urban. Sabiex tkun imħeġġa l-promozzjoni ta' għadd kbir ta' investimenti diċentralizzati, l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli muniċipali, lokali u reġjonali se jkunu l-benefiċjarji. Skont ir-Regolament EERP, il-faċilità għandha tkun limitata għall-finanzjament tal-miżuri li għandhom impatt rapidu, sostanzjali u li jista' jitkejjel, fuq l-irkupru ekonomiku fi ħdan l-UE, iżjed sigurtà tal-enerġija u tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gass b'effett serra.

Din il-proposta hija konformi għal kollox mad-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-Premessa 7 tar-Regolament EERP, li tindika l-ħsieb li għandha l-Kummissjoni li tipproponi miżuri li jippermettu r-riallokazzjoni tal-fondi mhux impenjati għall-finanzjament tal-proġetti fl-oqsma tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

Ir-Regolament emendatorju propost bħalissa qed jiġi eżaminat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' partita baġitarja ġdida 06 04 14 04 – Proġetti tal-enerġija għall-għajnuna tal-irkupru ekonomiku – Effiċjenza fl-użu tal-enerġija u inizjattivi rinnovabbli.

##### **4.2. Tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' impenn**

Fl-istess ħin, l-appropriazzjonijiet ta' impenn disponibbli fuq il-partiti baġitarji li ġejjin taħt l-intestatura 1a se jitnaqqsu:

Linja	Ammont (miljuni ta' EUR)	Spjegazzjoni
01 04 09 01 Fond Ewropew għall-Investment - provediment ta' ishma mħallsa ta' kapital sottoskritt	-0,99	Iż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew għall-Investment għal din is-sena ntlaħqet bil-ħlas tal-aħħar pagament Għaldaqstant, approprjazzjonijiet mhux użati jistgħu jsiru disponibbli.
02 03 03 01 Aġenzija Ewropea tal-Prodotti Kimiċi Kontribuzzjoni għat- Titoli 1 u 2	-4,4	Il-kontribuzzjoni għall-baġit tal-2010 prevista għall-Aġenzija Ewropea tal-Prodotti Kimiċi mhux se tintuża kollha minħabba li d-dħul minn miżati mill-proċess ta' reġistrazzjoni tar-REACH qed jasal għand l-Aġenzija iktar malajr milli kien mistenni.
02 03 03 01 Aġenzija Ewropea tal-Prodotti Kimiċi Kontribuzzjoni għal Titolu 3	-2,65	
09 02 04 - Entità ta' Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) – Uffiċċju – Kontribuzzjoni għat- Titoli 1 u 2	-2,1	L-approvazzjoni tat-tabella tal-persunal għall-BEREC ħadet iktar milli kien previst fil-bidu (il-baġit emendatorju Nru 3/2010 kien fl-aħħar approvat fis-7 ta' Settembru 2010), għaldaqstant il-progress lejn it-twaqqif tal-aġenzija, u b'mod partikolari il-proċeduri ta' reklutaġġ, iddewwmu Dan id-dewmien mhux se jippermetti l-implimentazzjoni sħiħa tal-appropriazzjonijiet disponibbli fuq dawn il-linji.
09 02 04 Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) – Uffiċċju – Kontribuzzjoni għat- Titolu 3	-0,86	
14 04 02 - Dwana 2013	-2,0	Approprjazzjonijiet disponibbli fuq dawn il-Partiti tal-baġit mhux se jintużaw kollha fl-2010, minħabba tnaqqis fl-ispejjeż antiċipati għal attivitajiet esterni tal-IT.
14 05 03 Fiscalis 2013	-2,0	
<b>Total</b>	<b>15,0</b>	

## 5. PRESERVAZZJONI U ĠESTJONI TAR-RIŻORSI NATURALI

### 5.1. Tnaqqis fl-estimi għall-ispiża agrkola

Is-sitwazzjoni rigward is-suq tal-ħalib u l-prodotti magħmulin minnu tjeib b'mod sinifikanti mit-tnejnija tal-baġit tal-2010 'l hawn, u total ta' EUR 280 miljun kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll ta' ħlasijiet mhux se jintużaw fl-artikolu baġitarju 05 02 12 Ħalib u prodotti tal-ħalib, minħabba li hemm ħafna inqas hteġa ta' intervent fis-suq. Għaldaqstant huwa propost li jitnaqqsu l-appropriazzjonijiet (impenji u ħlasijiet) kif ġej:

05 02 12 01 Rifużjonijiet għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib - EUR 210 miljun

05 02 12 02 Ħżin ta' intervent ta' trab tal-ħalib xkumat - EUR 20 miljun

05 02 12 04 Ħżin ta' intervent ta' butir u krema - EUR 50 miljun

Dan it-tnaqqis għandu jitqies fil-kuntest tal-evoluzzjoni globali ta' dawn it-tliet linji tal-baġit. Fil-baġit tal-2009, il-livell ta' approprjazzjonijiet għal dawn it-tliet (3) linji (li jikkorrispondu għal rifużjonijiet tal-esportazzjoni u l-ħżin) kien ta' EUR 26 miljun. Minħabba l-kriżi tal-ħalib is-sena l-oħra, ġew attivati miżuri ta' intervent u l-linji tal-baġit ġew rinfurzati. L-implimentazzjoni finali fl-2009 kienet ta' EUR 268 miljun. Fil-baġit tal-2010, il-Kummissjoni ħadet prekawzjoni massima sabiex tiżgura li tkun tista' tindirizza l-kriżi kieku komplet matul is-sena. Il-baġit previst għal dawn il-linji kien ta' EUR 560 miljun – żieda fuq l-implimentazzjoni tal-2009. Fortunatament is-sitwazzjoni fis-suq tal-ħalib u l-prodotti magħmulin minnu tjeibet ħafna. Ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni twaqqfu fl-aħħar tal-2009, u l-Kummissjoni qed tbiegħ il-ħażniet b'kawtela. Il-prezz tal-ħalib frisk żdied b'mod sinifikanti

u l-prezz tal-prodotti tal-ħalib bħall-butir jew il-ħalib tat-trab huwa ħafna ogħla mil-livell ta' intervent. Dan jispjega għaliex huwa previst li parti sinifikanti mill-baġit tal-2010 mhux se tintuża.

L-ammont għall-azzjoni speċifika tal-ħalib fil-baġit tal-2010 (EUR 300 miljun) maqbul fil-konċiljazzjoni ġie implimentat.

Barra l-EUR 280 miljun fuq l-artikolu 05 02 12, huwa previst li ammont ta' EUR 50 miljun kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll fi ħlasijiet se jibqgħu mhux użati fuq l-artikolu tal-baġit 05 02 03 Rifużjonijiet fuq prodotti non-Anness 1.

## **5.2. Riżerva għal Ftehimiet dwar is-Sajd**

Kif spjegat fit-taqsimha 3.3 hawn fuq, minħabba li mhemm ebda ftehimiet ippjanati qabel il-31 ta' Diċembru 2010, huwa possibbli li jitnaqqsu l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlasijiet fl-artikolu baġitarju 40 02 41 Riżerva għal Ftehimiet dwar is-Sajd b'EUR 13-il miljun.

## **5.3. Programm ta' Azzjoni tal-UE għat-Tibdil fil-Klima**

F'emenda għall-Abbozz ta' Baġit 2010, il-Parlament Ewropew ħoloq artikolu baġitarju 07 03 23 *Programm ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima* bi EUR 15-il miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u b'EUR 5 miljuni f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet. Dawn l-ammonti tqegħdu fir-riżerva (40 02 41 01). Ir-rimarki baġitarji ddikjaraw li "*dan l-artikolu huwa maħsub biex jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-azzjonijiet għall-mitigazzjoni u l-adattament meħtieġa fl-UE biex jintlaħqu l-oġettivi maqbula fil-Konferenza ta' Kopenhagen dwar il-Bidla fil-Klima f'Diċembru 2009*".

Fin-nuqqas ta' bażi legali (l-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju), il-Kummissjoni ma kinitx se tkun f'pożizzjoni li timplimenta l-approprjazzjonijiet. Għaldaqstant, huwa propost li tiġi kkanċellata l-ispiża għall-2010. Madanakollu, fl-Abbozz ta' Baġit 2011, hija proposta azzjoni simili taħt il-proġett pilota dwar l-Integrazzjoni tal-azzjoni klimatika u l-adattament (artikolu baġitarju **07 13 03**).

## **6. SKEJJEL EWROPEJ TAT-TIP 2**

### **6.1 Daħla**

Is-Sistema ta' Skejjel Ewropej (SSE) tiffunzjona fuq il-bażi ta' Konvenzjoni Intergovernamentali<sup>18</sup> li tagħha l-Unjoni Ewropea hija membru. Il-Kummissjoni Ewropea tirrappreżenta lill-UE fi ħdan il-Bord tal-Gvernaturi (BtG), il-korp li jikkontrolla s-SSE.

Fit-23 ta' April 2009, il-BtG kkonkluda ftehim ġenerali dwar ir-riforma tas-SSE. Din ir-riforma bdiet il-proċess tal-ftuħ tas-sistema permezz il-ħolqien tal-hekk imsejħa skejjel Ewropej tat-'tip 2' (EET2), jiġifieri skejjel li jappartjenu għas-sistema nazzjonali ta' Stat Membru, b'taqsimha lingwistika waħda jew aktar li kapaċi jwasslu għall-Bakkalawrjat Ewropew. Dawn l-iskejjel normalment ikunu jinsabu viċin korp tal-Unjoni, pereżempju istituzzjoni, aġenzija jew ċentru ta' riċerka, u jospitaw studenti mill-Istat Membru fejn tkun tinsab l-iskola kif ukoll it-tfal tal-persunal tal-Unjoni li jkun jaħdem hemm.

---

<sup>18</sup> ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3-14

Għad-dritt li joħorġu l-Bakkalawrjat Ewropew, l-EET 2 jiċievu akkreditazzjoni mill-BtG, li jiżgura li jkunu jissodisfaw sensiela ta' kundizzjonijiet relatati mal-ħtiġiet tat-tagħlim tal-kurrikulu Ewropew. Dan il-kurrikulu u l-Bakkalawrjat Ewropew huma espliċitament imsemmijin fil-Konvenzjoni, b'mod partikolari fl-Artikoli 4 u 5 tagħha. Fir-riforma tiegħu ta' April 2009, il-BtG ddeċieda dwar il-prinċipju tal-għotja ta' kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE lil tali skejjel akkreditati. Din il-kontribuzzjoni għandha tkun proporzjonali man-numru ta' studenti reġistrati tal-Istituzzjonijiet li jattendu dawn l-EET2. Id-deċiżjoni dwar ir-riforma tispjega wkoll il-metodu għall-kalkolu tal-ammont għal kull student, b'kunsiderazzjoni għall-partikolaritajiet tas-SSE.

Ir-riforma tipprevedi, wara d-deċiżjoni ta' akkreditament ta' skola mill-BtG, il-konvenzjoni ta' firma ta' approvazzjoni bejn l-EET2 u s-Segretarjat Ġenerali tal-EE (SGEE). Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni fl-aħħar tiffirma ftehim ta' kontribuzzjoni mal-EET2 jew mal-awtorità pubblika nazzjonali inkarigata minn dik l-iskola.

Ħames skejjel irċevew akkreditament fuq it-tagħlim Ewropew. F'nofs Awwissu 2010, il-BtG ta akkreditament lil dawn il-ħames skejjel sabiex isiru formalment l-ewwel EET2<sup>19</sup>. Dan se jiġi ratifikat ladarba l-ftehimiet ta' kontribuzzjoni mal-Kummissjoni jkunu ġew iffirmati.

## **6.2 Avvenimenti importanti fil-proċess ta' riforma**

Il-passi ewlenin fil-ftehim dwar riforma ġenerali ta' April 2009 u l-implimentazzjoni sussegwenti tiegħu huma deskritti hawn taħt.

Fil-laqgħa ministerjali tal-BtG ta' Novembru 2006 kien hemm qbil dwar għadd ta' elementi importanti tar-riforma, speċjalment dwar il-prinċipju ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni li trid tiġi akkreditata lill-iskejjel nazzjonali fi proporzjon man-numru ta' studenti rreġistrati li jkunu tal-Unjoni, u li titħallas direttament lill-iskola jew lill-awtorità inkarigata mill-iskola.

Fis-16 ta' Novembru 2007 l-BtG ddeċieda li jinkludi fil-konvenzjoni ta' approvazzjoni ta' kull EET2 klawsola dwar din il-kontribuzzjoni tal-Unjoni u l-kundizzjonijiet marbutin mal-għoti tagħha. Il-Kummissjoni se tiffirma din il-parti u għaldaqstant se tkun tista' tiżgura l-kontroll tal-implimentazzjoni tagħha.

Fit-23 ta' April 2009 l-BtG adotta r-riforma ġenerali tas-sistema kif deskritta hawn fuq.

Fl-14 ta' Ottubru 2009 l-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2009)7719. Din id-Deċiżjoni stabbiliet il-bażi legali għall-kontribuzzjoni tal-UE u hija bbażata fuq (i) l-Artikolu 49.6.e tar-Regolament Finanzjarju rigward l-awtonomija amministrattiva tal-Istituzzjonijiet u (ii) il-Konvenzjoni.

Fit-trilogu tal-15 ta' Ottubru 2009 u kif previst fil-punt 47(2) tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina tal-baġit u ġestjoni finanzjarja soda<sup>20</sup> tal-2006, l-awtorità baġitarja kienet infurmata mill-Kummissjoni rigward il-ħolqien ta' tip ġdid ta' skola Ewropea, b'mod li jenfasizza l-urġenza politika għall-implimentazzjoni kompluta tar-riforma wara l-ftehim ġenerali ta' April 2009.

---

<sup>19</sup> L-iskola ta' Parma (akkreditata f'Lulju 2007), l-iskola ta' Dunshaughlin (Lulju 2007), l-iskola ta' Heraklijon (Ottubru 2008), l-iskola ta' Helsinki (Jannar 2009) u l-iskola ta' Strasburgu (l-ewwel fażi – 16/11/2009).

<sup>20</sup> ĠU C 139, tat-14.6.2006, p. 1-17.

### 6.3 Il-kontribuzzjoni u t-talba tal-UE għall-2010

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2009 hija l-bażi għall-applikazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-UE proporzjonali man-numru ta' studenti rreġistrati tal-persunal tal-Unjoni li jattendu skejġel akkreditati mill-BtG. Dan jikkonċerna t-tfal ta' membri tal-istituzzjonijiet tal-UE, uffiċjali taħt l-istatut, aġenti oħra taħt is-CEOS (Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-oħra) u l-persunal ta' kwalunkwe korp tal-UE stabbilit mill-UE u li għandu personalità ġuridika.

Il-kontribuzzjoni ilha fis-seħħ mis-sena skolastika 2009-2010, jiġifieri Settembru 2009. L-impatt baġitarju annwali huwa kkalkulat għal madwar EUR 2,2 miljun għas-snin li ġejjin fuq il-bażi tal-qagħda magħrufa ta' bħalissa. L-ammont finali tal-kontribuzzjoni annwali jiddependi fuq in-numru ta' tfal attwalment irreġistrati.

Il-metodu biex tiġi kkalkolata l-kontribuzzjoni tal-EU għall-EET2 kien approvat mill-BtG f'Jannar 2009 u formalment inkluż fil-ftehim ta' riforma ta' April 2009. Dan il-metodu jiddeskrivi kif jiġi stabbilit l-ammont annwali għal kull student fit-taqsimi primarja u sekondarja ta' EET2. Jikkunsidra mhux biss l-ispejjeż annwali għal kull student fis-SEE u fis-sistema nazzjonali affettwata iżda wkoll l-għadd ta' taqsimiet lingwistiċi offruti għall-kurrikulu Ewropew fl-EET2. Il-Kummissjoni, bl-użu tal-iktar dejta reċenti mill-EUROSTAT għas-sistemi nazzjonali u mill-unità ta' kollegament tagħha għas-SEE, taġġorna dawn l-ammonti kull sena.

Għas-sena baġitarja 2010, il-baġit se jkollu jkopri s-sentejn skolastiċi 2009-2010 u 2010-2011. L-impatt huwa għaldaqstant stmat li jkun EUR 4,83 miljun<sup>21</sup>, l-ammont għas-sena skolastika 2009-2010 ma setax ikun inkluż fl-Abbozz ta' Baġit Preliminari (ABP 2010) minħabba li dan tal-aħħar kien adottat qabel il-ftehim ta' riforma.

Fl-Abbozz ta' Baġit għall-2011 il-Kummissjoni inkludiet il-ħolqien ta' linja baġitarja speċifika 26 01 51 31<sup>22</sup> u l-ammont ta' EUR 2,5 miljun biex jiġu koperti l-ħtiġiet għas-sena skolastika 2011-2012. Hija meħtieġa linja speċifika biex tiddistingwi l-kontribuzzjoni tal-EET2 mill-kontribuzzjoni lill-Iskejġel Ewropej l-oħra li tibqa' ffinanzjata mill-partiti baġitarji 26 01 51 01 sa 26 01 51 28.

Dan l-abbozz ta' baġit emendatorju jipproponi l-ħolqien ta' partita baġitarja speċifika 26 01 51 31 fil-baġit tal-2010 u li jiġu allokati EUR 4,83 miljun lil dik il-partita l-għdida.

### 6.4 L-Oriġini tal-Approprjazzjonijiet

L-EUR 44,83 miljun allokati lill-partita baġitarja 26 01 51 31 se jsiru disponibbli permezz tat-tnaqqis ta' approprjazzjonijiet eżistenti (impenji u ħlasijiet) tal-intestatura 5 fil-baġit tal-2010 li għalihom il-ħtiġiet fl-2010 huma inqas minn dak stmat oriġinarjament. Globalment, l-approprjazzjonijiet totali disponibbli għall-Kummissjoni mhux se jiġu modifikati.

Se jkun hemm impatt fuq il-linji li ġejjin:

---

<sup>21</sup> Ħtiġiet stmati għas-snin skolastiċi 2009-2010: EUR 2,09 miljun u 2010-2011: EUR 2,74 miljun, total ta' EUR 4,83 miljun.

<sup>22</sup> 26 01 51 31 imsejħa "Kontribuzzjoni tal-UE għall-Iskejġel Ewropej tat-tip 2" fil-baġit tal- Kummissjoni.

<b>Linja</b>	<b>Ammont (miljuni ta' EUR)</b>	<b>Spjegazzjoni</b>
26 01 11 01 – Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea	-2,08	Kuntratt ġdid għall-produzzjoni tal-ĠU serje L u C daħal fis-seħħ fl-2009 u wassal għal tnaqqis sinifikanti fl-ispejjeż tal-produzzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni naqqset it-talba baġitarja għall-2010 (-29%) u saħansitra iktar għall-2011 (-10%). Madanakollu, it-tfaddil iġġenerat mill-kuntratt il-ġdid fl-2010 huwa iktar milli mistenni. Barra minn hekk, il-volum ta' paġni prodotti huwa influwenzat mill-attività leġislattiva u rriżulta li kien iktar baxx mill-istima inizjali.
26 01 50 04 Kooperazzjoni interistituzzjonali fl-isfera soċjali	-0,75	Dewmien fl-iffirmar ta' kuntratti għal postijiet addizzjonali fil-faċilitajiet privati fejn jieħdu ħsieb it-tfal (crèches)
26 01 51 01 Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali tal-Iskejjel Ewropej (Brussell)	-0,6	Spiża għall-persunal inqas mill-istima inizjali, u minħabba tnaqqis fil-missjonijiet, fil-laqgħat u fil-ħtiġiet ta' traduzzjoni/interpretazzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi u d-diversi gruppi ta' xogħol tiegħu.
26 01 51 25 Alicante (ES)	-0,4	Spiża inqas għall-persunal minn dak inizjalment stmat.
26 03 03 Programm Erasmus fl-amministrazzjoni pubblika	-1,0	Il-Kummissjoni impenjat madwar EUR 1 miljun biex timplimenta l-azzjoni preparatorja bħala segwitu għaż-żewġ proġetti pilota li saru fl-2008 u fl-2009. Madanakollu, mhux possibbli li jsiru iktar minn erba' appredistati ta' ġimgħatejn il-wieħed mingħajr ma tonqos il-kwalità tal-programm, anke għal raġunijiet ta' organizzazzjoni. Għaldaqstant, EUR 1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas, mhux se jintużaw għall-iskop maħsub.
<b>Total</b>	<b>-4,83</b>	



## 7. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU

Qafas finanzjarju Intestatura/subintestatura	Qafas finanzjarju 2010		Baġit 2010 (inkluż BE 1-5/2010 u ABE 2, 3, 6, 8 u 9/2010)		ABE 10/2010		Baġit 2010 (inkluż BE 1-5/2010 u ABE 2, 3, 6, 8 u 10/2010)	
	CA	PA	CA	PA	CA	PA	CA	PA
<b>1. TKABBIR SOSTENIBBLI</b>								
1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	14 167 000 000		14 861 853 253	11 275 379 263	-15 000 000	-34 000 000	14 846 853 253	11 241 379 263
1b. Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi	49 388 000 000		49 387 592 092	36 371 862 500		-18 100 000	49 387 592 092	36 353 762 500
<b>Total</b>	<b>63 555 000 000</b>		<b>64 249 445 345</b>	<b>47 647 241 763</b>	<b>-15 000 000</b>	<b>-52 100 000</b>	<b>64 234 445 345</b>	<b>47 595 141 763</b>
<i>Marġini<sup>23</sup></i>			<i>-194 445 345</i>				<i>-179 445 345</i>	
<b>2. PRESERVAZZJONI U ĠESTJONI TAR-RIŻORSI NATURALI</b>								
Li minnhom nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti	47 146 000 000		43 819 801 768	43 701 207 586	-330 000 000	-330 000 000	43 489 801 768	43 371 207 586
<b>Total</b>	<b>59 955 000 000</b>		<b>59 498 833 302</b>	<b>58 135 640 809</b>	<b>-358 000 000</b>	<b>-806 000 000</b>	<b>59 140 833 302</b>	<b>57 329 640 809</b>
<i>Marġini</i>			<i>456 166 698</i>				<i>814 166 698</i>	
<b>3. ĊITTADINANZA, LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA</b>								
3a. Libertà, Sigurtà u Ġustizzja	1 025 000 000		1 006 487 370	738 570 370			1 006 487 370	738 570 370
3b. Ċittadinanza	668 000 000		747 914 040	739 301 540			747 914 040	739 301 540
<b>Total</b>	<b>1 693 000 000</b>		<b>1 754 401 410</b>	<b>1 477 871 910</b>			<b>1 754 401 410</b>	<b>1 477 871 910</b>
<i>Marġini<sup>24</sup></i>			<i>18 512 630</i>				<i>18 512 630</i>	
<b>4. L-UE BĦALA ATTUR GLOBALI<sup>25</sup></b>	<b>7 893 000 000</b>		<b>8 160 182 000</b>	<b>7 787 695 183</b>		<b>-232 539 617</b>	<b>8 160 182 000</b>	<b>7 555 155 566</b>
<i>Marġini</i>			<i>-18 300 000</i>					
<b>5. AMMINISTRAZZJONI<sup>26</sup></b>	<b>7 882 000 000</b>		<b>7 918 504 785</b>	<b>7 917 999 785</b>			<b>7 918 504 785</b>	<b>7 917 999 785</b>
<i>Marġini</i>			<i>43 495 215</i>				<i>43 495 215</i>	
<b>TOTAL</b>	<b>140 978 000 000</b>	<b>134 289 000 000</b>	<b>141 581 366 842</b>	<b>122 966 449 450</b>	<b>-373 000 000</b>	<b>-1 090 639 617</b>	<b>141 208 366 842</b>	<b>121 875 809 833</b>
<i>Marġini</i>			<i>518 729 198</i>	<i>11 651 432 550</i>			<i>891 729 198</i>	<i>12 808 963 707</i>

<sup>23</sup> Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) mhuwiex inkluż fil-kalkolu tal-marġni taħt l-Intestatura 1a (EUR 500 miljun). EUR 195 miljun 'il fuq mill-limitu massimu huma ffinanzjati bil-mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibbiltà.

<sup>24</sup> L-ammont tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) jiddaħħal apparti l-intestaturi rilevanti kif previst mill-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 (ĠU C 139 tal-14.6.2006)

<sup>25</sup> Il-marġni 2010 għall-intestatura 4 ma jikkunsidrax l-appropriazzjonijiet relatati mar-Riżerva għall-Għajjnuna ta' Emerġenza (EUR 248,9 miljun).

<sup>26</sup> Għall-kalkolu tal-marġni taħt il-limitu massimu tal-intestatura 5, ittieħed kont tan-nota (1) f'qiegħ il-paġna fil-qafas finanzjarju 2007-2013 għal somma ta' EUR 80 miljun għall-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni.